

I-Irlanda-Dunsany: Provvista ta' Servizzi ta' Kantin u ta' Forniment tal-Ikel fil-Binjiet tal-Kummissjoni Ewropea fi Grange, Dunsany, il-Kontea Meath, I-Irlanda

OJ S 111/2024 10/06/2024

Avviż dwar l-għoti ta' kuntratt

Servizzi

Il-bażi ġuridika:

Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046

Taqsimi I: Awtorità kontraenti

I.1. Isem u indirizzi

Isem uffiċjali: Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (SANTE), Directorate F — Health and Food Audits and Analysis

Indirizz postali: Grange, Co. Meath, Grange

Belt: Dunsany

Kodiċi NUTS: IE062 Mid-East

Kodiċi postali: C15 DA39

Pajjiż: L-Irlanda

Posta elettronika: sante-irl-cft@ec.europa.eu

Indirizz(i) tal-Internet:

Indirizz ewlieni: http://ec.europa.eu/info/departments/health-and-food-safety_en

I.4. Tip ta' awtorità kontraenti

Istituzzjoni/aġenzija Ewropea jew organizzazzjoni internazzjonali

I.5. Attività ewlenija

Servizzi pubbliċi ġenerali

Taqsimi II: L-għan

II.1. L-għan tal-ksib

II.1.1. Titlu

Provvista ta' Servizzi ta' Kantin u ta' Forniment tal-Ikel fil-Binjiet tal-Kummissjoni Ewropea fi Grange, Dunsany, il-Kontea Meath, I-Irlanda

Numru ta' referenza: SANTE/GRA/2023/NP/0078

II.1.2. Kodiċi ewlieni CPV

55500000 Servizzi tal-kafetterija u ta' l-ikel

II.1.3. It-tip ta' kuntratt

Servizzi

II.1.4. Deskrizzjoni qasira

Is-suġġett ta' din is-sejħa għall-offerti hu l-provvista ta' servizzi ta' kantin u forniment tal-ikel fil-binjiet tal-Kummissjoni Ewropea fi Grange, Dunsany, Co. Meath, C15 DA39, L-IRLANDA.

II.1.6. Informazzjoni dwar il-lottijiet

Dan il-kuntratt huwa maqsum f'lottijiet: le

II.1.7. Valur totali tal-ksib

Valur mingħajr VAT: 1 379 477,28 EUR

II.2. Deskrizzjoni

II.2.2. Kodiċi(jiet) addizzjonali tal-VKK

55500000 Servizzi tal-kafetterija u ta' l-ikel, 55510000 Servizzi tal-kafetterija, 55520000 Servizzi tal-preżentazzjoni ta' l-ikel

II.2.3. Il-post tat-twettiq

Kodiċi NUTS: IE062 Mid-East

Is-sit jew post ewlieni tal-eżekuzzjoni: Grange, Dunsany, Co. Meath, C15 DA39, L-IRLANDA.

II.2.4. Deskrizzjoni tal-akkwist

Il-komponent ewlieni tas-servizz tal-forniment tal-ikel hu l-operat tal-kantin fuq il-post u l-kafetterija fuq il-post. Il-kuntratt ikopri wkoll is-servizz ta' forniment tal-ikel għall-crèche fuq is-sit u l-provvista ta' xorb għal laqgħat u konferenzi fuq il-post meta mitlub. It-tagħmir kollu meħtieġ (minbarra l-magna tal-kafè barista, oġġetti li jintużaw u distributur tal-ilma tajjeb għax-xorb) għat-twettiq tax-xogħlijiet koperti mill-kuntratt huwa pprovdut mill-awtorità kontraenti. Barra minn hekk, dan il-kuntratt ikopri wkoll il-provvista, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' magna tal-kafè barista u distributur tal-ilma tajjeb għax-xorb xieraq għal-livell ta' tagħrif dwar l-użu/ in-numri u l-konsum.

Il-kuntrattur se jipprovdi s-servizzi bi qbil mal-livelli differenti ta' servizz (minimu, medju, massimu) kif iddettaljat f'punt 12.1 Informazzjoni dwar l-għażliet tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

II.2.5. Kriterji tal-għoti

Il-kriterju tal-kwalità - L-Isem: Il-kwalità teknika / Peżar: 44

Il-kriterju tal-kwalità - L-Isem: L-Organizzazzjoni / Peżar: 36

Il-kriterju tal-kwalità - L-Isem: Il-kwalità tal-politiki u l-azzjonijiet tal-immaniġġjar ambjentali proposti fis-sejħa għall-offerti / Peżar: 10

Il-kriterju tal-kwalità - L-Isem: Il-kontroll tal-kwalità / Peżar: 10

Prezz - Peżar: 40 %

II.2.11. Informazzjoni dwar l-għażliet

Għażliet: iva

Deskrizzjoni ta' għażliet:

Il-kuntrattur se jkun f'pożizzjoni li jopera l-kantin f'isem il-Kummissjoni fil-livelli ta' servizz li ġejjin:

— livell minimu ta' servizz (Għażla 1): il-Kummissjoni tippredvi li mill-inqas membru wieħed (1) tal-persunal se jkun meħtieġ fuq il-post sabiex jipprovdi dan il-livell ta' servizz fuq il-post. L-awtorità kontraenti se tikkunsidra li tintroduċi din l-għażla meta l-persentaġġ tal-persunal li juża l-kantin fuq il-post huwa ta' madwar 20 % jew inqas;

— livell medju ta' servizz (Għażla 2): il-Kummissjoni tippredvi li mill-inqas tliet (3) membri tal-persunal se jkunu meħtieġa fuq il-post sabiex jipprovdu dan il-livell ta' servizz. L-awtorità kontraenti se tikkunsidra li tintroduċi din l-għażla meta l-persentaġġ tal-persunal li juża l-kantin fuq il-post hu ta' madwar 20 % u madwar 40 %;

— livell massimu ta' servizz (Għażla 3): il-Kummissjoni tippredvi li mhux inqas minn erba' (4) membri tal-persunal se jkunu meħtieġa fuq il-post sabiex jipprovdu dan il-livell ta' servizz. L-awtorità kontraenti se tikkunsidra li tintroduċi din l-għażla meta l-persentaġġ tal-persunal li juża l-kantin fuq il-post huwa ta' madwar 60 % jew aktar.

Dawn li ġejjin huma applikabbli għal-livelli kollha tas-servizz:

— il-kontribuzzjoni għall-manutenzjoni ġenerali tal-kantin f'isem il-Kummissjoni. Ara l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal aktar dettalji;

— il-provvista ta' servizzi ta' ospitalità fil-binjiet tal-awtorità kontraenti lill-persunal u l-viżitaturi tagħha. Ara l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal aktar dettalji.

Huwa mistenni li t-twettiq tal-kuntratt se jibda f'livell medju ta' servizz. Madankollu, jekk jinqalgħu ċirkostanzi esterni, il-Kummissjoni tista' teħtieġ tnaqqis għal-livell minimu ta' servizz. Ix-xenarju użat biex jiġi kkalkulat il-prezz massimu tal-kuntratt huwa bbażat fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

- livell minimu ta' servizz li jista' jkun fis-seħħ għal 0 xhur;
- livell medju ta' servizz li jista' jkun fis-seħħ għal 24 xahar;
- livell massimu ta' servizz li jista' jkun fis-seħħ għal 24 xahar.

Madankollu, ta' min jinnota li dan ta' hawn fuq huwa s-suppożizzjoni attwali u d-distribuzzjoni attwali tista' tvarja minnha. Il-proċedura għall-attivazzjoni ta' livelli differenti ta' servizz matul it-tul ta' żmien tal-kuntratt hija deskritta fil-kuntratt ta' servizz.

Ara l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti għal iktar dettalji.

II.2.13. Informazzjoni dwar Fondi tal-Unjoni Ewropea

L-akkwist huwa marbut ma' proġett u/jew programm iffinanzjat mill-fondi tal-Unjoni Ewropea: le

II.2.14. Informazzjoni addizzjonali

Taqsimu IV: Proċedura

IV.1. Deskrizzjoni

IV.1.1. Tip ta' proċedura

Għoti ta' kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' sejħa għall-kompetizzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-każijiet elenkati hawn taħt

- L-ebda offerta jew l-ebda offerta/talba xierqa għall-parteċipazzjoni bi tweġiba għal proċedura miftuħa

Spjegazzjoni:

F'konformità mal-Artikolu 164(1)(d) RF, Punt 11.1(a) Anness I, din il-proċedura tal-ksib tnediet bl-użu ta' proċedura nnegożjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt wara t-tlestija ta' proċedura ta' ksib miftuħa fejn ma waslu l-ebda offerti (jew mhumie xierqa). Il-proċedura miftuħa ta' ksib kienet tlestiet qabel it-tnedija ta' din il-proċedura nnegożjata. Id-dokumenti tal-ksib oriġinali ma nbidlux b'mod sostanzjali.

IV.1.3. Informazzjoni dwar ftehim qafas jew sistema dinamika ta' xiri

IV.1.8. Informazzjoni dwar il-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (GPA)

L-akkwist huwa kopert mill-GPA: le

IV.2. Informazzjoni amministrattiva

IV.2.8. Informazzjoni dwar it-tmiem tas-sistema dinamika tax-xiri

IV.2.9. Informazzjoni dwar it-tmiem tas-sejħa għall-kompetizzjoni fl-għamla ta' avviż ta' informazzjoni minn qabel

Taqsimu V: Għoti tal-kuntratt

Nru tal-kuntratt: 2024/SANTE/LC-03039032

Titlu:

Provista ta' Servizzi ta' Kantin u ta' Forniment tal-Ikel fil-Binjiet tal-Kummissjoni Ewropea fi Grange, Dunsany, il-Kontea Meath, l-Irlanda

Kuntratt/lott jingħata: iva

V.2. Għoti tal-kuntratt

V.2.1. Id-data tal-iffirmar tal-kuntratt

30/04/2024

V.2.2. Informazzjoni dwar sejħiet għall-offerti

In-numru ta' offerti li waslu: 1

In-numru ta' offerti li waslu permezz ta' mezzi elettroniċi: 1

Il-kuntratt ingħata lil grupp ta' operatori ekonomiċi: le

V.2.3. Isem u indirizz tal-kuntrattur

Isem uffiċjali: BaxterStorey Ireland Limited

Numru ta' reġistrazzjoni nazzjonali: 430224

Indirizz postali: Second Floor, Avoca Building, Fitzmaurice Road, Rathcoole, Co. Dublin

Belt: Rathcoole

Kodiċi NUTS: IE061 Dublin

Kodiċi postali: D24 P9FH

Pajjiż: L-Irlanda

Il-kuntrattur huwa SME: le

V.2.4. Informazzjoni dwar il-valur tal-kuntratt/lott

Stima tal-valur totali inizjali tal-kuntratt/lott: 1 000 000,00 EUR

Valur totali tal-kuntratt/lott: 1 379 477,28 EUR

V.2.5. Informazzjoni dwar is-sottokuntrattar

Taqsim VI: Informazzjoni kumplimentari

VI.3. Informazzjoni addizzjonali

VI.4. Proċeduri ta' analiżi mill-ġdid

VI.4.1. Korp responsabbli għall-proċeduri ta' analiżi mill-ġdid

Isem uffiċjali: Il-Qorti Ġenerali

Indirizz postali: Rue du Fort Niedergrünwald

Belt: Luxembourg

Kodiċi postali: L-2925

Pajjiż: Il-Lussemburgu

Telefown: +352 4303-1

Indirizz tal-Internet: <http://curia.europa.eu>

VI.4.3. Proċedura ta' analiżi mill-ġdid

Informazzjoni preċiża dwar id-data/i tal-għeluq għall-proċeduri ta' analiżi mill-ġdid:

L-offerenti jistgħu jressqu lment lill-Ombudsman Ewropew għall-amministrazzjoni ħażina fi żmien sentejn (2) min-notifika tar-riżultat tal-proċedura iżda biss wara li jkunu eżawrew ir-rimedji amministrattivi kollha disponibbli (jibagħtu osservazzjonijiet li jikkonċernaw il-proċedura tal-ksib lill-awtorità kontraenti).

Il-limitu ta' żmien għat-tressiq ta' azzjoni għall-annullament ta' din id-deċiżjoni huwa fi żmien xahrejn min-notifika tar-riżultat tal-proċedura.

Kwalunkwe lment dwar amministrazzjoni ħażina lill-Ombudsman Ewropew jew kwalunkwe osservazzjoni jew talba indirizzata lill-awtorità kontraenti, la se jkollu l-iskop u lanqas l-effett li jissospendi dan il-limitu ta' żmien.

Il-qorti responsabbli għas-smiġħ ta' proċeduri għall-annullament hija indikata taħt it-titlu VI.4.1) ta' dan l-avviż.

VI.5. Data ta' meta ntbagħat dan l-avviż

29/05/2024